9 ta' Diċembru, 1944.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Pietro Attard et. *versus* Paolo Cilia et

**Bejgħ — Rexissjoni — Leżjoni — Utili Dominju — Art. 1206, u art. 2 u 4 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Ir-rimedju tar-rexissjoni minħabba leżjoni huwa mogħti mill-liġi fil-każi ta' bejgħ ta' stabili "ea natura" meta ... [illegible]*

*ma' beni oħra inkorporali jew mobili bi prezz uniku, u l-bejgħ ma jkunx sar f'subasta mismuma taħt l-awtorità tal-Qorti.*

*Għaldaqstant fil-każ ta' bejgħ ta' utili dominju ta' skond dan ir-rimedju ma hux applikabbli, għax l-utili dominju huwa dritt immobiljari għall-oġġett li għandu jirriferixxi, u mhux immobili "ex natura".*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni numru 139 tad-9 ta' Marzu 1944, li biha l-attur, wara li qal illi huwa, b'kuntratt in atti Emmanuele Agius tal-20 ta' Lulju 1943, biegħ lill-konvenut Cilia żewġ mezzanini numri 297 u 298 u żewġ terrani numri 296 u 299, li jinsabu Birkirkara, Via Fleur-de-Lys, suġġetti għall-pagament ta' £10 fis-sena għal ċens perpetwu fuqhom; u li l-konvenuta Giorgio nomine b'ċedola ta' rkupru tad-9 ta' Frar 1944, irkuprat dawn il-fondi mill-poter tal-konvenut l-ieħor, li għadu ma għamilhiex ir-rivendizzjoni tagħhom; u li dan il-bejgħ magħmul mill-attur huwa risolubili a kawża ta' leżjoni, billi l-prezz huwa inferjuri għal nofs tal-valur reali tal-fondi fl-epoka li sar il-bejgħ; u li l-konvenuta, għalkemm ma tipposjedix il-fondi, opponiet ruħha għar-rixissjoni bonarja tal-bejgħ, skond kontro-protest tagħha tat-28 ta' Frar 1944; talab li tiġi riżoluta l-vendita tal-beni fuq indikati a kawża ta' l-imsemmija leżjoni fil-prezz. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-21 ta' Frar 1944, u salva r-restituzzjoni tal-frutti perċepiti da parti tal-possessuri tal-fondi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi skond il-liġi, ir-rimedju tar-rexissjoni tal-bejgħ minħabba leżjoni huwa mogħti f'każ ta' bejgħ ta' ħwejjeġ immobili "ex natura", meta dawk il-ħwejjeġ ma jkunux ġew mibjugħa flimkien ma' ħwejjeġ oħra inkorporali jew mobili, bi prezz uniku, u l-bejgħ ma jkunx sar f'subasta taħt l-awtorità tal-Qorti (art. 1205, Ordinanza VII ta' l-1868);

Illi fil-każ preżenti l-azzjoni tar-rexissjoni ġiet proposta kontra bejgħ, mhux f'subasta taħt l-awtorità tal-Qorti, ta' l-utili dominju tal-mezzanini u terrani msemmijin fiċ-ċitazzjoni (dok. fil-fol. 4 tal-proċess);

Illi kwindi ma hemmx il-kwistjoni illi immobili ġew mibjugħa ma' ħwejjeġ oħra inkorporali jew mobili, bi prezz uniku; u lanqas ma hemm il-kwistjoni jekk il-fond ġiex mibjugħ in subasta. L-unika kwistjoni li għandha tiġi riżoluta

hija dik jekk il-bejgħ ta' l-utili dominju fuq il-fondijiet ġa fuq imdakati hux bejgħ ta' ħwejjeġ immobili "ex natura"; li kliem iehor, jekk l-utili dominju, ossija dritt ta' l-enfitewta fuq l-imsemmijin fondijiet mogħtija in enfitewsi — għaliex appuntu dana d-dritt huwa l-oġġett tal-bejgħ fil-każ preżenti — hux ħaġa immobili "ex natura" jew le; f'liema l-aħħar każ l-azzjoni ma tkunx tista' tiġi akkolta għaliex, kif ġa gie rilevat, skond il-liġi tagħna, kif jirriżulta ċar mill-istess kelma tagħha, l-azzjoni tar-rexissjoni, kuntrarjament għal dak li hemm provvdut f'liġijiet oħrajn barranin, fosthom il-Liġi Taljana u Franċiża, hija limitata biss għall-immobili "ex natura";

Illi skond il-liġi tagħna, l-utili dominju, ossija d-dritt ta' l-enfitewta fuq il-beni mogħtija in enfitewsi, mhux ħaġa immobili "ex natura", imma huwa kunsidrat biss ħaġa immobili għall-oġġett li għalih dak id-dritt jirriferixxi ruħu (art. 2 u 4 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868);

Illi xejn ma jiswa dak li wera l-konvenut bin-noti tiegħu, illi, jiġifieri, il-fond jibqa' jikkonserva n-natura tiegħu ta' immobili anki meta jkun hemm dritt immobiljari ta' utili dominju li jagħmel għalih riferenza, għaliex fuq dan ma hemm ebda kwistjoni. Huwa veru li l-fond jibqa' immobili "ex natura"; imma dak li huwa importanti għar-riżoluzzjoni tal-preżenti kwistjoni huwa appuntu dak illi mhux ħaġa immobili "ex natura" l-imsemmi dritt immobiljari ta' l-utili dominju; għaliex, kif ġa gie dimostrat, l-istess liġi tgħid li mhux;

Illi għaldaqstant ma jikkompetix lill-attur id-dritt li jgiegħel li tiġi rexissa l-vendita in kwistjoni, ta' l-utili dominju fuq il-fondijiet fuq imsemmijin, għaliex dana d-dritt mhux ħaġa immobili "ex natura", u l-liġi tagħna tillimita l-azzjoni tar-rexissjoni minħabba leżjoni għall-bejgħ ta' ħwejjeġ immobili "ex natura" biss, u ma testendihiex anki għad-drittijiet immobiljari, ħwejjeġ immobili għall-oġġett li għalihom jirriferixxu ruħhom;

Għal dawn il-motivi;

Fil-kontumaċja tal-konvenut Paolo Cilia;

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talba ta' l-attur; bl ispejjeż.